1 ta' Marzu, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Francesco Ellul** *versus* **Concetta Ellul**

**Separazzjoni Personali — Alimenti — Abitazzjoni — Mara.**

*Meta, bħala effett tas-separazzjoni personali, ir-raġel jinsab kundannat li jħallas pensjoni alimentarja lil martu, din il-pensjoni tikkomprendi l-abitazzjoni; u għalhekk il-mara għandha taħseb hija għall-abitazzjoni tagħha, u ma tistax tippretendi li tkompli tgħix f'dar ir-raġel.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla, fejn ippremetta illi in forza ta' sentenza ta' dik il-Qorti, mogħtija fil-25 ta' April 1946 f'kawża fl-istess ismijiet (ċitazzjoni nru. 387/1944G.) u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Lulju 1946, ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'mod li l-attur

ġie awtorizzat jgħix separatament mill-konvenuta; u, nonostanti ċ-ċitati deċiżjonijiet, il-konvenuta baqgħet u għadha sal-lum tgħammar fid-dar numru 157/158 Triq Rjali, Qormi, residenza ta' l-attur, lil min tappartjeni d-dar, u kienet tappartjeni lilu minn qabel iż-żwieġ; u l-konvenuta ma telqetx mill-imsemmija dar għalkemm debitament interpellata għal dana l-effett bl-ittra uffiċjali tat-28 ta' Settembru 1946; talab, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-konvenuta qiegħda tokkupa l-istess dar mingħajr titolu validu fil-liġi, illi l-istess konvenuta tiġi kundannata tiżgombra mill-imsemmija dar fiż-żmien illi tagħtiha l-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla tas-17 ta' Mejju 1947, fejn iddeċediet għat-tenur tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż, u pprefiġġiet lill-konvenuta xahar żmien sabiex titlaq mid-dar imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni; wara li kkunsidrat;

Illi bis-sentenzi fuq ċitati ġiet pronunzjata l-firda tal-persuna tal-kontendenti mingħajr l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 56, 57 u 58 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi għaldaqstant spiċċa, għall-effetti ċivili, l-obligu tal-kontendenti li jgħixu flimkien, u l-attur mhux aktar obligat li jilqa' l-konvenuta f'daru. Huwa, iżda, baqa' fl-obligu li jagħti l-manteniment lill-konvenuta bis-saħħa ta' l-obligu li tnissel miż-żwieġ, liema manteniment jikkomprendi l-ikel, l-ilbies u l-abitazzjoni; u kwindi b'dan il-manteniment, li l-konvenuta fista' tikkostrinġieh jagħtiha, hija għandha taħseb għall-abitazzjoni tagħha;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u l-petizzjoni tagħha fejn talbet illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi għalkemm huwa desiderabili ħafna bejn mara u raġel, għalkemm huma separati, illi jsibu bejniethom "modus vivendi" kif joqgħodu f'dik id-dar u jgħixu separati; u għal-

kemm il-Qorti għamlet dina r-rakkomandazzjoni lill-parti dana ma sarx. Iżda fil-kamp purament ta' dritt, jidher il appellat taħt iċ-ċirkustanzi għandu dritt iżomm huwa dik dar u l-appellanti tmur issib fejn toqgħod band'oħra. U g hekk, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, il-pensjoni li għal ġie kundannat l-appellat għandha tikkomprendi anki l-abi zjoni; u għalhekk huwa dover tal-konvenuta li tmur issib p ieħor fejn toqgħod. Imbagħad, jekk meta l-Qorti iffissat dik pensjoni alimentarja kienet ħadet kalkolu illi l-konvenuta tħallasx kera, jekk dana jiġi pruvat, hemm rimedji oħra sk il-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qort

Tirrespinġi l-appell tal-konvenuta u għalhekk tikkonfer s-sentenza li minnha hemm appell; b'dan illi ż-żmien mog mill-Ewwel Qorti għandu jibda jgħaddi mil-lum, u jkun xahrejn u mhux ta' xahar. L-ispejjeż ta' dan l-appell iku kontra l-konvenuta appellanti.

---